**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2017**

| **Ir-Raba' Sena** | **Il-MALTI** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|
| | **(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)** | |

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _______

| **Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba** | |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |

***Aqra sew dan li ġej:***



- Ikteb ismek, kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

Il-FEHIM MILL-QARI

A. Aqra dan ir-reklam.

# Ilma Akwapur

Trid ilma li jiffriskak u b'togħma tajba?

Tixtieq li żżomm ruħek b'saħħtek?

## Mela ixtri ilma Akwapur!






L-ilma Akwapur magħmul minn ilma ppurifikat tal-aqwa kwalita`. Barra li jaqtagħlek l-għatx, l-ilma Akwapur huwa mimli minerali naturali li ġismek tant għandu bżonn!

L-ilma Akwapur tista' ssib tixtrih mingħand il-ħwienet ewlenin ta' Malta u Għawdex. KULL FLIXKUN JISWA 50ċ BISS!

MA' PAKKETT TA' SITTA TINGĦATA TAZZA B'XEJN!

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq ir-reklam li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**: (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | L-ilma Akwapur għandu togħma tajba. | |
| b. | Dan l-ilma huwa ta' kwalita` ħażina. | |

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa. (2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Xħin tixrob dan l-ilma | jaqbdek l-għatx. | |
| | | jiffriskak. | |
| | | jsaħħnek. | |
| b. | L-ilma Akwapur jiswa | ewro. | |
| | | żewġ ewro. | |
| | | ħamsin ċenteżmu. | |

3. Min xiex inhu magħmul dan l-ilma u x'fih? (2 marki)

________________________________________________________

________________________________________________________

4. Imla l-vojt. (2 marki)

Prodott ġdid fis-suq Malti huwa l-ilma Akwapur, li tista' tixtrih mill-______________ ewlenin. Bħala offerta jekk tixtri pakkett ta' _______________ tieħu tazza b'xejn.

5. Int li qrajt dan ir-reklam, titħajjar tixtri dan l-ilma? Għaliex? (2 marki)

________________________________________________________

________________________________________________________

**B.** Aqra l-istorja **It-tifel li bela' dubbiena.**

Bħalma ssib f'kull skola, hemm tfal kwieti u oħrajn storbjużi, ftit bilgħaqal u oħrajn imqarbin. Fl-iskola li kien imur fiha Xummiemu kien hemm xi tnejn li dejjem b'xi praspura. Wieħed minn dawn it-tfal kien Marco, tifel li dejjem jikteb ikrah, jiġġieled, jinbex u jagħmel il-ħsara. (par.1)



Darba waqt il-lezzjonijiet, Marco talab lill-għalliema biex imur jaħsel idejh għax kien ħammiġhom. Meta ġie lura Xummiemu nduna li Marco kellu tbissima mqarba fuq wiċċu. Xi kwarta wara daħal is-surmast irrabjat. Qal li xi ħadd minn xi klassi kien ħalla l-vit miftuħ u nħela l-ilma kollu li kien hemm fit-tank ta' fuq il-bejt. Kien hemm ħafna ilma mifrux ma' kullimkien. (par.2)

F'qalbu Xummiemu beda jaħseb li kienet stramba l-biċċa li Marco mar jaħsel idejh u ġie lura b'dik it-tbissima ta' wieħed imqareb. Is-surmast telaq mill-klassi u l-lezzjoni kompliet. Ftit minuti wara Marco **marret għajnu bih**. Kien bilqiegħda fuq siġġu jidħaq f'qalbu għax kien irnexxielu jagħmel ħerba billi ħalla l-vit miftuħ u ħela l-ilma kollu tat-tank. (par.3)

Għajnejn Marco kienu magħluqin iżda ħalqu kien miftuħ beraħ. Kien ser jibda jonħor meta f'salt wieħed, dubbiena kbira ddeċidiet li ttir dritt għal ġo ħalqu. Marco qam bil-ħasda u ħass id-dubbiena ddur ma' griżmejh. (par.4)



Hu qam bilwieqfa, qabad is-siġġu u beda jgħajjat li kien bela' dubbiena. Ħareġ jiġri minn ġol-klassi malajr biex jixrob ftit ilma. Iżda meta wasal ħdejn il-vit u fetħu ma ħareġ xejn! (par.5)

Kemm iddispjaċih Marco li kien ħela l-ilma kollu! Imbagħad ġie bżonn ftit ilma u ma sabx. Fil-brejk Xummiemu mar sab lil Marco u qallu biex ma jerġax jaħli l-ilma għax inkella, meta jiġi bżonnu, jfittex u ma jsibux. Dakinhar Marco dam ġurnata sħiħa bit-togħma tad-dubbiena f'ħalqu! (par.6)

*(Silta meħuda minn Sagħtar, Frar 2001)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. *Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.* (3 marki)

a. L-istorja qed isseħħ (fid-dar, fl-iskola, fil-ġnien).
b. It-tifel tal-istorja jismu (Xummiemu, Ġużi, Marco).
ċ. It-tifel tal-istorja kien (bilgħaqal, imqareb, edukat).

2. Agħżel it-tajba billi tagħmel (✓) taħt **IVA** jew **LE** (4 marki)

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| a. | Fl-iskola t-tfal kienu kollha kwieti. | | |
| b. | Marco ħalla l-vit miftuħ u ħela l-ilma kollu. | | |
| ċ. | Xummiemu kellu tbissima mqarba fuq wiċċu. | | |
| d. | It-tifel ħa gost bit-togħma tad-dubbiena. | | |

3. X'talab Marco lill-għalliema waqt il-lezzjoni? (marka)

________________________________________________

________________________________________________

4. Għaliex Marco beda jidħaq f'qalbu? (2 marki)

________________________________________________

________________________________________________

5. Għaliex taħseb li s-surmast daħal fil-klassi rrabjat? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

6. Xi ġralu Marco hekk kif kien se jibda jonħor? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

7. Għaliex ħareġ jiġri minn ġol-klassi mbagħad, Marco? (marka)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

8. Fil-brejk x'qallu Xummiemu lil Marco? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

9. Xi tfisser il-frażi **marret għajnu bih** fis-sentenza 'Ftit minuti wara Marco marret għajnu bih', f'paragrafu 3? (marka)

______________________________________________________________

10. Kif taħseb li ħassu Marco lejn l-aħħar tal-istorja? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJ (10 marki)

**1. Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**L-ewwel waħda lesta.**



| |
|---|
| F'Diċembru li għadda l-familja Cassar iddeċidiet li tmur btala sal-Ingilterra. Fl-ajruport kien hemm folla nies tistenna bil-bagalji. L-ajruplan telaq fil-ħin u fi ftit sigħat waslu ġewwa Londra. |

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom proprju.** | ***Ingilterra*** |
| b. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom kollettiv.** | |
| ċ. | Mis-sentenzi sib u ikteb **verb.** | |
| d. | Mis-sentenzi sib u ikteb **il-plural ta' bagalja.** | |
| e. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-maskil.** | |
| f. | Mis-sentenzi sib u ikteb l-isem ta' **xahar.** | |

**2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Martina marret sas-suq u xtrat __________ ħamra. | lipsa / libsa |
| b. | Jien inħobb ________________ mal-mużika. | niżfen / nisfen |

3. **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Ikteb l-**oppost ta' maħmuġ.** | L-ilma kien ___________ u tajjeb għax-xorb. |
| b. | Daħħal l-**artiklu** t-tajjeb. (**l-i / is- / s-**) | Il-futbol huwa ________sport favorit tiegħi. |
| ċ. | Aqleb il-verb **telaq** fl-imperattiv singular. | Sar il-ħin, int _______________ . |

## B. Il-KITBA TA' STEDINA (3 marki)

**Il-familja tiegħek se torganizza festin tal-karnival nhar it-Tnejn 27 ta' Frar. Ikteb ittra qasira biex tistieden lill-ħabib/a tiegħek għal dan il-festin. Tinsix issemmi meta se jsir, fejn, fi x'ħin u x'se jkun hemm.**

**STEDINA GĦALL-FESTIN TAL-KARNIVAL**

20 ta' Frar 2017

Għażiż/a __________________,

Nixtieqek tiġi għall-festin tal-karnival li se jsir _______________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

_______________________________________



Il-ħabib/a tiegħek,

_____________________

## Ċ. Il-KITBA TA' STORJA

**Agħżel WAĦDA minn dawn l-istejjer u ikteb madwar għaxar sentenzi fuqha.**



**1. Ġurnata fir-razzett tan-nannu**

**Ikteb storja fuq meta mortu ġurnata fir-razzett tan-nannu.**

**Min kontu? Meta mortu? Kif kien ir-razzett? X'kien hemm? X'qgħadt tagħmel? Ħadt pjaċir?**

**JEW**



**2. Ġurnata għand il-ħabib/a tiegħi**

**Ikteb storja fuq meta mort ġurnata għand il-ħabib jew ħabiba tiegħek.**

**Meta mort? Kif kienet id-dar tagħha/tiegħu? X'kien hemm? X'qgħadtu tagħmlu? Ħadt pjaċir?**

**Ċ.1 Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.**

**Storja _________ (Ikteb 1 jew 2)** **(2 marki)**

**Ċ.2 Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt.**

**L-istorja għandha tkun madwar GĦAXAR SENTENZI.** (15-il marka)

- Tmiem il-Karta -